**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Novembru 2015 – CEDC International vs UASI – Fabryka Wódek Polmos Łańcut (WISENT)**

**(Kawża T-450/13)** ([1])

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva WISENT VODKA — Trade mark nazzjonali tridimensjonali preċedenti ŹUBRÓWKA — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Xebh tat-trade marks — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/209”)***

(2016/C 007/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CEDC International sp. z o.o. (Oborniki Wielkopolskie, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Siciarek, J. Mrozowski u G. Rząsa, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Fabryka Wódek Polmos Łańcut SA (Łańcut, il-Polonja) (rappreżentant: A. Gorzkiewicz, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta’ Ġunju 2013 (Każ R 1734/2011-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Przedsiębiorstwo Polmos Białystok u Fabryka Wodek Polmos Łańcut SA.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-10 ta’ Ġunju 2013 (Każ R 1734/2011-4) hija annullata.*

2) *L-UASI u Fabryka Wodek Polmos Łańcut SA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti minn CEDC International sp. z o.o.*

([1]) ĠU C 304, 19.10.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Novembru 2015 – Government of Malaysia vs UASI – Vergamini (HALAL MALAYSIA)**

**(Kawża T-508/13)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva HALAL MALAYSIA — Trade mark figurattiva preċedenti mhux irreġistrata HALAL MALAYSIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ drittijiet għas-sinjal preċedenti li kien inkiseb konformement mad-dritt tal-Istat Membru qabel id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Użu tat-trade mark preċedenti bħala marka — Sistema tal-azzjoni tal-‘common law’ kontra l-abbuż tad-denominazzjoni (action for passing off) — Assenza ta’ ‘goodwill’”]***

(2016/C 007/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Government of Malaysia (rappreżentanti: inizjalment R. Volterra, solicitor, R. Miller, barrister, V. von Bomhard u T. Heitmann, avukati, sussegwentement R. Volterra, R. Miller u V. von Bomhard)